**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Jannar 2023**

Rikors Numru: 141/22 AL

A B

vs

C B

(MR Numru 1538/2010)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-ikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-Tmienja u Għoxrin ta' Awissu tas-sena Elfejn u Ghaxra (28/08/2010) fil-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tal-Grazzja Ħaż-Żabbar (Kopja vera taċ-Ċertifikat taż-żwieġ qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.A');

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal;

3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa minn Awwissu tas-sena Elfejn u Sittax (2016);

4. Illi l-partijiet ilhom separati de jure permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat Erbgħatax ta' Marzu tas-sena Elfejn Tnejn u Għoxrin (14/03/2022) lhiema kuntratt ġie awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti, u li huwa fl-atti tan-Nutar Francesca Micallef Sammut (Kopja vera tal-Kuntratt tas-Se arazzjoni qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.B');

5. Illi għaldaqstant, m'hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

6. Illi m'hemm ebda manteniment dovut;

7. Illi l-partijiet qegħdin jgħixu hajja totalment separata minn xulxin u llum il ġurnata għandhom il-ħajja tagħhom u għaldaqstant, ma teżisti l-ebda possibilità ta' rikonċiljazzjoni;

8. Illi l-esponenti tixtieq tirriverti għal kunjomha xebba u cioé D;

9. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (KAP.16) tal Liġijiet ta' Malta;

10. Illi ma' dan ir-rikors, qed jiġi anness l-Affidavit tal-esponenti nfisha (Affidavit Do qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.C');

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar it-Tmienja u Għoxrin ta' Awissu tas-sena Elfejn u Għaxra (28/08/2010) fil-Knisja Parrokkjali tal Madonna tal-Grazzja Haż-Żabbar;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku

bil-ħall taż-żwieġ tal partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz tagħha espona:

1. ILLI l-esponenti ma ghandhux oggezzjoni li l-Qorti tippronunzja l-Hall taz-Zwieg bejn l- partijiet stante li huwa minnu li ma hemmx prospett li jirrikonciljaw u li huma ghandhom hajja totalment indipendenti minn xulxin.

2. ILLI l-partijiet huma finanzjarjament indipendenti, irrinunzjaw ghal manteniment minghand xulxin u bejniethom ma hemmx ulied.

3. Ghaldaqstant l-esponent filwaqt li ma jopponiex ghal hall taz-zwieg pero u finalment jopponi għall-ispejjez kollha tal-procedura odjerna li għandhom jigu akkollati lir-rikorrent.

Tant ghandu x'tissottometti l-esponenti f'dal-istadju, a savju gudizzju ta' din il-Qorti

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' April 2022;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta'Marzu 2022 u de facto separati minn Awwissu tas-sena 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat ukoll li r-rikorrenti talbet sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` D. Il-Qorti tilqa' din it-talba u tidderigi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-passi kollha f'dan ir-rigward.

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt li tawtorizza lir-rikorrenti biex tirrikorri ghal kunjom xbubitha u cioe` "D", qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.